MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru 2/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Emanuel Zammit**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fid-9 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta’ Akkuza numru 2 tas-sena 2000 kontra l-akkuzat Emanuel Zammit li bih gie akkuzat talli:

1. Taht l-Ewwel kap li huwa recidiv fid-delitt ta' serq, hati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz (ksur ta' gewwa jew ta' barra), bil-valur (izjed minn elf lira), bil-lok (f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok iehor ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita` tal-pubbliku) u bil-hin (bejn inzul u t-tlugh ix-xemx);

2. Taht it-Tieni Kap li hu recidiv f'delitt, hati talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Taht it-Tielet Kap li hu recidiv f'delitt, hati talli naqas li jaghti avviz minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjoni, xort'ohra milli b'licenza;

4. Taht ir-Raba' Kap li hu recidiv f'delitt, hati talli minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'didejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

5. Taht il-Hames Kap hati talli xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu armi tan-nar u munizzjoni li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

6. Taht is-Sitt Kap hati talli xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu armi tan-nar u munizzjon li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

7. Taht is-Seba' Kap hati talli xjentement laqa' ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma

jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li jkunu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depozt tal-Gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew iddepozitati;

8. Taht it-Tmien Kap hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

9. Taht id-Disa' Kap hati talli minghajr licenzja tal-Pulizija, spara armi tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet;

10. Taht l-Ghaxar Kap hati talli, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b'dan li r-reat sar bic-cirkostanza aggravanti li l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, tkun giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

11. Taht il-Hdax-il Kap illi b'eghmilu sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, u fil-hin li gie arrestat ghall-eghmil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati moghti fis-seduta tat- 8 ta' Ottubru 2003 li bih il-gurati sabu lil Emanuel Zammit: unanimament mhux hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap;

b'vot (1) favur u tmien (8) voti kontra mhux hati ta' l-akkuza taht it-Tieni Kap; b'seba' (7) voti favur u bi tnejn (2) voti kontra hati taht it-Tielet Kap; bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra hati taht ir-Raba' Kap; b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) voti kontra hati taht il-Hames Kap; b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) voti kontra hati taht is-Sitt Kap; bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra hati taht is-Seba' Kap; b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra hati taht it-Tmien Kap; unanimament hati taht id-Disa' Kap; b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) voti kontra hati taht l-Ghaxar Kap; u b'sitt voti favur u tliet (3) voti kontra hati taht il-Hdax il-Kap. Il-gurati qablu unanimament li fl-ghoti tas-sentenza tigi kkunsidrata s-sahha u l-eta` ta' l-akkuzat;

Issib lill-akkuzat mhux hati ta’ l-ewwel zewg Kapi ta’ akkuza li minnhom tilliberah;

Tiddikjara lill akkuzat hati tal-Kapi l-ohra ta’ l-akkuza cjoe` minn tlieta sa hdax;

Rat li l-gurati qablu unanimament li fl-ghoti tas-sentenza, tigi konsidrata l-eta` u s-sahha ta’ l-akkuzat;

Rat li l-ufficjal Prosekutur u l-Avukati difensuri qablu li f’dana l-kaz l-akkuza ta’ recidiva ma tapplikax u ghalhekk il-Qorti mhiex ser tiehu aktar konjizzjoni taghha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mid-difiza u l-prosekuzzjoni;

Illi f’dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li minhabba n-natura ta’ l-akkuza principali kontra l-akkuzat, cjoe` attentat ta’ omicidju volontarju b’sub machine gun, mhux xieraq li tinghata sentenza sospiza. Pero` l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni it-talba tal-gurati dwar l-eta` u s-sahha ta’ l-akkuzat u dan ser jigi rifless fl-ghoti tal-piena. Inoltre il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li fuq l-akkuza principali ta’ attentat ta’ omicidju volontarju l-verdett kien l-inqas accettabli cjoe` ta’ 6 -3;

Wara li rat l-artikoli 3, 9, 19, 26 tal-Kap 66; l-artikolu 69 tal-Att XII tal-1997 u l-artikolu 65 tal-Att XII tal-1994; l-

artikoli 211, 41, 31 , 86, 24, 17(b)(h), 22 u 533 tal-Kap 9; u artikoli 60(a)(b)(c) u 62 (f)(g) proviso (a) tal-Kap 37;

Tikkundanna lill-akkuzat fuq it-tielet (3), ir-raba' (4) u d-disa' (9) akkuzi bhala komprizi u involuti xahrejn (2) prigunerija;

Tikkundannah fuq il hames (5), sitta (6) u seba' (7) akkuzi xahar prigunerija u multa ta’ Lm432.77 fuq il-Kap sitta (6) u multa ta’ Lm468 fuq il-hames (5) Kap, konvertibbli f'sitt xhur prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi;

Tikkundannah fuq it-tmien (8) akkuza seba' (7) snin prigunerija;

u tikkundannah fuq l-ghaxar (10) u l-hdax (11) akkuza tliet xhur prigunerija, dana billi kienu reati kommessi in konnessjoni ma' l-akkuza principali;

Minn liema perjodu ta’ prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma dana l-kaz;

Tikkundannah ukoll li jhallas l-ammont ta’ Lm965.61 import ta’ l-ispejjez tal-periziji inkorsi f’dan il-process a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9. Dawn ghandhom jithallsu fi zmien tliet xhur;

Finalment tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-armi esibiti u l-munizzjon."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Zammit ipprezentat fit-30 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ma sabitux hati ta' l-ewwel zewg kapi ta' l-att ta' l-akkuza kif ukoll f'dik il-parti fejn ma haditx konjizzjoni ta' l-akkuza tar-recidiva stante d-dikjarazzjoni tal-partijiet li ma hix applikabbli, u tirrevokaha kwantu nstab hati fuq il-kapi l-ohra ta' l-att ta' l-akkuza, u cioe` minn tlieta (3) sa hdax (11), billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:
L-aggravji ta' l-appellant huma dawn: li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti, li kien hemm irregolarita` matul il-kawza u li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett.

Dwar l-aggravju ta' l-appellant li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti, jinghad mill-ewwel li hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

L-akkuza principali li dwarha l-appellant instab hati hija dik taht it-tmien kap, cioe` dik ta' tentattiv ta' omicidju

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

volontarju, u l-maggor parti tar-rikors ta' appell kif ukoll tat-trattazzjoni orali fil-fatt kienu dedikati ghal dan ir-reat li dwaru l-appellant jinsisti li gie misjub hati hazin fuq il-fatti. Fil-fatt l-appellant jirritjeni li anke jekk wiehed jistrieh ghal kollox fuq kif l-akkadut gie deskritt minn M'Angelo Fenech, wiehed ma jistax ragjonevolment u legittimament isib htija taht dan il-kap. Huwa opportun li jigi hawn riprodott dak li l-appellant qal fir-rikors ta' appell tieghu li bazikament jigbor fih is-sottomissjonijiet u l-argumenti li ngabu mid-difiza u li anke kienu ngabu quddiem l-ewwel Qorti:

"1. Fenech jghid illi hu waqqaf il-karozza tieghu presso poco quddiem il-bieb ta’ residenza tieghu u sakkarha. Hareg minnha u mexa lura biex idur minn wara tal-vettura halli jaghmel xi passi u jigi hdejn il-bieb tad-dar. Kif wasal qiesu ghan-nofs tal-booth tal-karozza hu sema' hoss li assocjah ma' tir ta' arma tan-nar b'*silencer*. Hu ma hass l-ebda tir ghaddej fil-vicinanzi tieghu, ma sema' l-ebda hoss ta’ xi tir jahbat ma' x’imkien. Hu dar u ra lill-akkuzat b’arma f'idu. Rah qed jipprova jaghmel xi manuvra mal-genb taghha etc...

2. Fenech xehed illi hu ma jistax jghid illi l-akkuzat spara fid-direzzjoni tieghu.

3. Fenech jaghti dettalji cari sew bhala distanzi, sew bhala angolatura kif kienet qed tinzamm l-arma mill-akkuzat u sew bhala direzzjoni. Dawn huma konstatati mix-xhieda ta Fenech u jidhru sew mir-ritratti u aktar sew jekk wiehed jaccedi fuq il-post. Nibdew b'dawn ic-cirkostanzi wiehed wiehed. Skond Fenech, l-akkuzat kien 'il boghod minnu xi seba’ piedi. L-arma kienet qed tinzamm fil-livell tal-qadt tal-akkuzat. L-angolatura kienet wahda illi ma’ genb Fenech kien hemm il-karozza u oggetti ohra fl-ispeci ta’ entrata ghad-dar u warajh kien hemm hajt gholi zewg sulari.

4. Iz-zewg esperti ballistici mghejjuna minn kwazi kull ufficjal tal-puliziija fuq il-post u minn kull espert iehor fuq il-post ghamlu tfittxija ghall-evidenza ta' sparatura ta' arma tan-nar, sew biex isibu il-“bullet head” u sew biex isibu xi daqqa jew marka mal-hajt jew x’imkien. Ghalkemm din it-

tfittxija kienet intensiva u damet fuq zmien ta' jumejn ma nstab xejn.

Legittimament u ragonevolment kif jistghu B1SS jissarfu dawn ic-cirkostanzi?

Premess, ghall-grazzja tal-argument, li gie sparat tir fid-direzzjoni ta’ Fenech mill-akkuzat bl-intenzjoni li joqtlu, ragonevolment wiehed kellu jsib is-segwenti:

A. La it-tir ma laqatx lil Fenech, ghax Fenech tbaxxa, allura t-tir kellu bil-fors jolqot x’imkien fil-gholi ta' Fenech.

B. La t-tir sparat (dato ma non concesso li kien tir sparat) b’intenzjoni omicida, ma laqatx lil Fenech ghax hu tbaxxa, dan kellu allura jolqot il-hajt fl-gholi ta’ Fenech - dan ma laqat imkien, la fl-gholi tal-persuna ta’ Fenech u lanqas oghla. Xejn fid-direzzjoni ta' fejn kien Fenech ma ntlaqat b’tir.

C. Il-fatt li ma nstab l-ebda sinjal ta tir, il-fatt li l-balla ma laqtet imkien (dejjem jekk giet sparata kif allega l-Kelly) fid-direzzjoni ta' fejn kien il-Kelly qabel ma tbaxxa, jfisser li allura li m’hemm ebda prova li t-tir gie sparat u immirat lejn Mikelangelo Fenech b'intenzjoni biex joqtlu.

L-aktar li wiehed jista' jasal hu li, semmai, seta’ kien *warning shot* biex ibezza' jew biex iwegga', pero` mhux biex joqtol.

Ta' min hawn jerga’ jenfasizza li, mhux biss ma nstabitx il-*bullet head*, imma lanqas l-impatt ta' fejn laqtet il-balla, jigifieri, il-balla sparata, ma laqtet la lil Fenech u lanqas xejn li kien hemm fid-dintorni ta’ fejn kien Fenech.

Ghalhekk wiehed legittimament u ragonevolment isaqsi, fejn hi l-prova li l-isparatura saret b’intenzjoni omicida?

i. Fenech la sema' tir ghaddej vicin minn mieghu, la ra lil xi hadd jisparalu u lanqas sema' xi *bullet* tahbat ma' xi oggett.

Premess, ghall-grazzja tal-argument, li l-livell ta' kif kienet qed tinzamm l-arma mill-akkuzat, kien il-livell ma' qghaddu, premess illi skond Fenech hu dak il-hin tbaxxa biex jigbor ic-cavetta li kienet waqatlu, allura ragonevolment wiehed kellu jsib is-segwenti:

i. Jekk it-tir kien immirat lejh, ossia persuntu, u t-tir ma laqtux ghaliex tbaxxa, allura kellu jolqot dak li direttament kien warajh.

ii. Minn dak il-livell it-tir jekk sparat lejh b'intenzjoni omicida, seta' jolqtu, dejjem jekk gie sparat tir fid-direzzjoni tieghu.

iii. Id-distanza allegata kienet qasira u xejn ma ntlaqat.

iv. Il-karozza Ford Escort, kull oggett iehor, u l-lokalita` kollha giet spezzjonata dettaljatament.

v. Illi ghalkemm l-allegazzjoni li l-isparatura saret minn vicin Mikelangelo Fenech u lejh, hu ma kellu ebda G.S.R.

Mela wiehed jara illi ragonevolment wiehed ma jistax jikkonkludi b'certezza morali li gie sparat tir fid-direzzjoni ta' Fenech mill-akkuzat. Hawn qeghdin f'Awla tal-Provi u mhux f'xi *ghost town*. Hija r-raguni biss li trid twassalna ghal certi konkluzzjonijiet. Minn imkien ma jirrizulta li gie sparat tir lejn Fenech. Lanqas Fenech stess ma hu qed jghid hekk. Hu ma rax lill-akkuzat jisparalu. Hu ma sema' l-ebda tir ghaddej minn mieghu, hu ma sema' l-ebda balla tahbat ma' xi haga: allura ragonevolment kif tista' tghid li gie sparat tir? Minn fejn? Fejn huma l-provi??

La ragonevolment ma hemmx din il-prova ta' tir fid-direzzjoni ta' Fenech, isegwi illi legittimament u anke ragonevolment ma hemmx il-prova tal-intenzjoni specifika li trid il-ligi ghall-kuncett tad-delitt ta' omicidju volontarju. L-intenzjoni trid tkun manifestata u reali, trid tkun assodata mill-provi. Minghajr il-prova ta' tir fid-direzzjoni ta' xi hadd kif nistghu nghidu legittimament xi hadd ipprova inehhi l-

hajja ta' haddiehor u ma irnexxilux minhabba xi haga indipendenti mill-volonta` tieghu??

Mela abbazi ta' dak sottomess u ragonat s'issa f'dan ir-rikors, abbazi ta' ragunijet li jistghu wkoll jingiebu waqt it-trattazzjoni orali u abbazi ta' kull kuncett bbazat fuq il-buon sens, legittimament u ragonevolment il-prosekuzzjoni ma ipprovatx minghajr dubbju dettat mir-raguni, illi jezistu l-elementi legali tat-tentattiv ta' omicidju volontarju.

Illi rigwardanti l-provi li l-prosekuzzjoni gabet in sostenn tal-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, legittimament u ragonevolment il-bqija tal-evidenza bl-ebda mod ma tipprova li l-akkuzat spara fuq Fenech, u wisq anqas li f'xi hin hu kellu l-intenzjoni li joqtlu. Anzi, legittimament u ragonevolment, tenut kont l-assjem tal-provi, l-akkuzat kien fil-pussess materjali ta' zewg armi tan-nar, liema arma, certament wahda, kienet *loaded* u setghet tigi sparata b'mod effettiv, pero` l-akkuzat ma sparax, anke meta l-Kelly ta dahru lejn l-akkuzat u kienu ghadhom fil-*grounds* tal-villa. Dan hu n-negazzjoni ta' kull intenzjoni omicida. Kif jigi aktar dettaljatament sottomess oralment filwaqt tat-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-evidenza ta' Fenech, f'partijiet determinanti, hija inverosimili. Kollox ghalhekk jindika li dawn il-partijiet inverosimili jkomplu jsahhu s-sottomissjoni tad-difisa li f'dan il-kaz la hemm il-prova fil-grad rikjest mill-Ligi tal-att materjali, u wisq aktar tal-element intenzjonali tad-delitt ta' tentattiv ta' omicidju volontarju."

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw lil liema mill-verzjonijiet setghu jaghtu affidament, cioe` l-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri jew inkella l-verzjoni li ta M'Angelo Fenech. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li <u>jaraw u jisimghu</u> x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament lill-verzjoni ta' l-akkuzat.

M'hemmx dubju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant kemm waqt il-guri kif ukoll f'dan l-stadju, kemm individwalment u anke kumulattivament, huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. Pero` l-Qorti tara li l-punt krucjali f'dan il-kaz kien u jibqa' l-istess, u cioe` jekk jinghatax affidament lill-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri jew inkella jekk ghandux jinghata affidament dak li qal M'Angelo Fenech dwar kif sehhew l-affarijiet.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrijiet ta' l-appellant u d-dokumenti l-ohra ezibiti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet li saru mid-difiza, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara sensiela ta' konfronti bejn M'Angelo Fenech u x-xhieda tad-difiza, wara access mizmum fuq il-post fejn allegatament sehh it-tentattiv ta' omicidju volontarju, u wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess u ta' M'Angelo Fenech, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), ikkonkludew b'verdett ta' sitta favur u tlieta kontra li l-appellant huwa hati tat-tmien kap ta' l-att ta' akkuza kif dedott kontra tieghu.

2. L-appellant ta verzjonijiet kontradittorji. Meta gie interrogat mill-Pulizija fl-24 ta' Frar 1998 indika li ma kienx jaf lil M'Angelo Fenech u rrakkonta kif bazikament sab ruhu b'kumbinazzjoni fid-*drive-in* tar-residenza ta' Fenech. L-istqarrija li ghamel fl-24 ta' Frar 1998 ikkonfermaha fil-25 ta' Frar 1998 fi stqarrija ohra, u dan nonostante li kien jaf, mil-linja ta' domandi li kienu qeghdin isirulu, li kienet saret allegazzjoni dwaru minn Fenech li huwa kien ipprova joqtol lill-istess Fenech. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti biddel din il-verzjoni u rrakkonta li kien ilu zmien

sostanzjali jaf lil Fenech u li dan kien iqabbdu jimmanifatturalu xi *silencers*. Qal li l-iskop tieghu meta ta l-ewwel verzjoni kien li jeskludi lil Fenech!

3. Kuntrarjament ghall-appellant, M'Angelo Fenech kien konsistenti fix-xiehda tieghu u baqa' jsostni l-ewwel verzjoni li ta lill-Pulizija.

4. L-appellant jaghmel enfazi fuq il-fatt li ma nstabet l-ebda tracca ta' *bullet head* li tista' tissostanzja dak li xehed Fenech li kien sema' hoss bhal ta' sparatura b'*silencer*. Huwa minnu li l-esperti ballistici ma sabux *bullet head*, u lanqas ma nstabet tracca ta' sparatura fid-direzzjoni fejn suppost kellu jimmira l-appellant sabiex joqtol lil Fenech. Li gie sparat tir m'hemm l-ebda dubju peress illi gol-borza li l-appellant stess jghid li kien ghamel mas-*sub-machinegun* biex tilqa' l-iskratacc kien hemm skartocc sparat. Din il-Qorti mhijiex se tipprova tispekula dwar x'seta' gara mill-*bullet head*, ghalkemm tajjeb hawn li wiehed jirreferi ghar-rapport ta' l-esperti ballistici fejn, f'paragrafu 7 ta' l-istess rapport jghidu illi l-fatt li ma sabu xejn "jista' jigi spjegat ghall-fatt li wiehed mill-hitan fid-direzzjoni tat-tir huwa maghmul mill-gagazza (blat ahrax) marka ta' tir ma tkunx tidher fuqu". Fi kwalunkwe kaz, anke jekk titqies biss dik il-parti tax-xiehda ta' M'Angelo Fenech dwar il-mossa li beda jaghmel l-appellant biex "jikkokkja" (ossia jikkarga) l-arma billi jerga' jdahhal balla ohra fic-*chamber*, dan l-eghmil seta', fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, legittimament jitqies mill-gurati bhala l-bidu ta' l-ezekuzzjoni tad-delitt ta' tentattiv ta' omicidju permezz ta' sparatura ohra.

5. Prova ohra li l-appellant spara gejja mir-rizultati ta' l-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud kif assistit mit-tekniku Charles Muscat fis-sens li sabu particelli ta' GSR fuq partijiet tal-gisem (l-id ix-xellugija, il-widna tax-xellug u t-toqba tal-lemin ta' l-imnieher) u fuq partijiet tal-hwejjeg ta' l-appellant (*jersey*, qalziet u qmis).

6. Ix-xiehda ta' Angela Satariano hi mbaghad elokwenti hafna. Hi tirrakkonta kif waqqafha M'Angelo Fenech f'nofs it-triq u qallha li xi hadd kien sparalu u sabiex tiehdu l-

ghassa tal-Pulizija. Hi taghtu l-*mobile* biex icempel lill-Pulizija. F'daqqa wahda jaraw persuna (l-appellant) hierga mid-*drive-in* ta' Fenech fuq *bicycle* u Fenech indikalha li dik kienet il-persuna u talabha ssegwieh fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Faccata tal-*Splash and Fun* l-appellant waqaf, hi waqfet ukoll u Fenech nizel mill-karrozza, avvicina lill-appellant u hi semghetu jghidlu "Qieghed naghrfek". L-appellant ipponta pistola lejn Fenech li rritorna fil-karrozza. Din il-Qorti tistaqsi jekk hux verosimili li l-ewwel haga li taghmel persuna li qed tinnegozja fl-armi u tinkariga lill-appellant sabiex jimmanifatturalha s-*silencers* hu li ssejjah lill-Pulizija fuq il-post, jekk hux verosimili li persuna li kellha dik ir-relazzjoni ma' l-appellant u li allura kienet tafu sew, sejra tesklama semplicement li qed taghrfu, u li tibqa' ssegwieh sakemm jinqabad mill-Pulizija.

7. Ghalhekk is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi ohra li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu. B'mod partikolari ghandu jinghad li, jekk wiehed kellu jaccetta l-verzjoni ta' M'Angelo Fenech - u cioe` li inaspettatament jisma' bhal tir ta' arma sparata bl-uzu ta' *silencer* u malli jerfa' rasu jara, f'distanza ravvicinata, persuna li mhux biss ma kienx jafha izda li wkoll ma kienx stedinha tidhol fuq il-proprjeta` privata tieghu, qed tipprova terga' tikkarga l-arma - il-gurati kienu intitolati jaslu ghall-konkluzjoni li kien hemm tentattiv ta' omicidju anke jekk il-*bullet head* jew tracci ta' l-ewwel sparatura ma nstabux fil-madwar.

8. Is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabbilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment hlief jaslu biex jemmnu dak li xehed l-appellant waqt il-guri u jiskartaw il-verzjoni ta' M'Angelo Fenech.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha daqs kemm setghu jaslu ghall-konkluzjoni li l-verzjoni ta' M'Angelo Fenech kienet inverosimili; u ghalhekk din il-Qorti, wara li regghet evalwat il-provi, hi tal-fehma li f'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza (art. 501(1)(a) tal-Kap. 9).

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ma kinitx ezatta fl-ispjegazzjoni u interpretazzjoni tal-kuncett ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Jghid li l-ewwel Qorti spjegat lill-gurija illi kwantu l-intenzjoni pozittiva indiretta, u cioe` l-intenzjoni li wiehed ipoggi l-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car, dan il-kuncett hu konciljabbli mal-figura tat-tentattiv. Id-difiza ssottomettiet li *"per tentare bisogna volere"* u kwindi l-figura ta' l-intenzjoni pozittiva indiretta ma hix sufficjenti fil-kaz tat-<u>tentattiv</u> ta' omicidju. L-appellant ikompli hekk:

"L-indirizz pero` fuq dan il-punt kien 'turning point', peress li ghal gurija allura fil-kaz li l-akkuzat ikun spara l-arma, anke jekk ma jolqotx, seta' jfisser li hu kellu l-intenzjoni indiretta pozittiva msemmija. Dan probabilment influwenza l-verdett kwantu ghall-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Din l-interpretazzjoni kellha aktar effett negattiv tenut kont li l-Qorti fl-ebda hin u bl-ebda mod ma spjegat illi hemm figuri ohra ta' delitti komprizi u involuti, inkluz it-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna. Dan id-delitt kompriz u involut, konsiderando din l-interpretazzjoni, kellu jingieb a konjizzjoni u konsiderazzjoni tal-gurija. Dan in-nuqqas zgur li kellu influwenza fuq il-gurija fejn huma setghu jahsbu illi kellhom biss din il-figura x'jikkonsidraw bhala verdett. L-intenzjoni fil-kaz tal-offiza fuq il-persuna hija differenti u cioe` l-intenzjoni generika li taghmel hsara. Bl-akbar rispett ghalhekk, il-gurija kellha tinghata stampa legali kollha, u cioe` li meta wiehed jispara, mhux necessarjament ghandu jiffigura l-attentat omicidju, pero` li wiehed jista' jkollu l-intenzjoni generika li jwegga' u dan ghalhekk jista' jiffigura l-attentat ta' ferita gravi."

Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant illi l-intenzjoni pozittiva indiretta mhijiex konciljabbli mal-figura tat-tentattiv. L-ewwel Qorti fil-fatt tat din l-ispjegazzjoni lill-gurati:

"It-tentattiv ta' omicidju volontarju jfisser li xi hadd jipprova joqtol lil xi hadd iehor imma ma jirnexxilux. Mela jrid ikun hemm l-ewwel l-intenzjoni omicida - u mhux l-intenzjoni li twegga' - jew l-intenzjoni li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car. Id-differenza bejniethom hi li t-tnejn huma intenzjoni omicida, wahda li tixtieq toqtol u t-tieni wahda li qed tara l-mewt bhala konsegwenza, ma tridx il-mewt imma taghmel dak li taf li x'aktarx ser igib il-mewt. Jekk ma jmutx xorta jkun hemm it-tentattiv ta' omicidju, jigifieri t-tentattiv mhux biss li jkollok l-intenzjoni diretta li toqtol imma jista' jkollok tentattiv li int tqieghed fil-periklu l-hajja ta' xi haddiehor. Ezempju int qieghed fuq ajruplan, m'ghandekx l-intenzjoni li toqtol hadd partikolari, tqieghed bomba, din tiehu, imma l-pilota xorta jillendja u ma jmut hadd. Tista' tigi akkuzat ta' tentattiv taht din il-parti li tqieghed fil-periklu tal-hajja."

Din hija l-pozizzjoni legali korretta u ghaldaqstant l-ilment ta' l-appellant huwa infondat.

Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant illi l-ewwel Qorti ma spjegatx lill-gurati li hemm figuri ohra ta' delitti komprizi u involuti, tali ilment huwa wkoll infondat. Fl-indirizz tieghu l-Imhallef li jippresjedi l-guri mhuwiex tenut li jsemmi kull figura li tista' tkun kompriza u involuta fid-delitt addebitat lill-akkuzat. Il-parametri ta' l-indirizz jinsabu ben delinejati fl-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma tirravviza l-ebda nuqqas da parti ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri f'dan il-kaz ghax

ma semmiex id-delitt kompriz u involut ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna, anke peress illi, kif diga` rajna, ic-cirkostanzi ma kinux necessarjament iwasslu ghal konsiderazzjoni ta' tali delitt. Dan l-ilment huwa konsegwentement ukoll infondat.

Aggravju iehor ta' l-appellant huwa illi saret applikazzjoni hazina tal-ligi kwantu ghall-mument meta sar l-access. Jghid li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li ma kinitx preparata titlob access u ghalhekk inghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni. Id-difiza xtaqet mill-ewwel titlob access izda giet diretta li dan seta' jsir wara li jixhed l-akkuzat. Meta allura sar l-access, ikompli l-appellant, wara li nghalqu l-provi tad-difiza u dan l-access sar fuq talba tal-gurija, l-akkuzat ma setax jispjega fuq il-post dak li kien spjega fil-kors tat-testimonjanza tieghu. Kelly Fenech pero` kien prezenti u seta' jispjega fuq il-post id-deskrizzjoni tieghu. L-appellant isostni li ghalkemm dan in-nuqqas da parti tieghu li jaghti xi spjegazzjoni waqt l-access gie spjegat lill-gurati, bil-fors li kellu effett psikologiku fuq il-verdett tal-gurija.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ilment huwa infondat. Mill-atti ma jirrizultax  li saret talba mill-akkuzat biex jinzamm access qabel ma beda jixhed l-appellant, u minn imkien ma jirrizulta li saret din it-talba minnu f'xi stadju iehor. Anzi dak li jirrizulta mill-atti hu li l-access intalab mill-gurati u kull ma talbet id-difiza kien li tigi sparata l-arma waqt dan l-access. Barra minn hekk ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellant milli jitlob waqt l-access li, bl-istess mod illi M'Angelo Fenech wiegeb ghal xi mistoqsijiet tal-Qorti u ta' l-ufficjal prosekutur, huwa jkun awtorizzat mill-Qorti jwiegeb ukoll ghal xi mistoqsijiet specifici. Huwa haddiehor - Qorti, gurati, prosekuzzjoni - li ma jistax jaghmel mistoqsijiet lill-akkuzat wara li jkun nizel minn fuq il-pedana tax-xhieda ghax dan hu, kif solitament jinghad, *"a competent but not compellable witness"*, b'mod li galadarba huwa jinzel minn fuq il-pedana tax-xhieda li huwa jkun volontarjament tela' fuqha, hadd ma jista' jgieghlu jerga' jitla' fuq dik il-pedana; ma hemm xejn li josta, pero`, li l-akkuzat stess jerga' jitlob, ghal xi raguni valida, li jerga' jiehu l-pedana.

Aggravju iehor ta' l-appellant jirrigwarda l-mod kif l-appellant jghid li l-ewwel Qorti indirizzat lill-gurati li l-kapi kollha ta' l-att ta' akkuza, eskluzi l-ewwel tnejn u l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, huma marbutin mal-mod kif huma jiddeciedu fuq l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Jghid li dan ma kienx legalment korrett. Id-difiza fl-arringa taghha ammettiet li l-akkuzat spara fl-abitat, pero` dan ma jfissirx illi l-appellant spara fuq Fenech bl-intenzjoni omicida. L-istess ghandu jinghad, ikompli l-appellant, ghall-akkuza li huwa kien fil-pussess ta' l-armi; dan ma jfissirx li hu relatat necessarjament ma' htija fir-rigward ta' l-akkuzi l-ohra. Dan, isostni l-appellant, probabbilment influwenza l-verdett stante li d-decizjoni fuq l-akkuzi ohra, apparti dik ta' l-arrest illegali, kienu ta' facile spedizzjoni; hekk marbuta ma' l-akkuza principali, il-mod kif gie mfiehem lill-gurati hu ghall-ahhar perikoluz.

Fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri, b'referenza ghall-hdax-il kap ta' l-att ta' akkuza, qal li l-htija o meno dwar dan ir-reat jiddependi minn dak li l-gurati jiddeciedu dwar l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, u cioe` jekk jemmnux il-verzjoni ta' l-appellant li l-armi ma kinux tieghu u kien qieghed izommhom b'rahan jew jekk jemmnux il-verzjoni ta' M'Angelo Fenech li l-appellant ipprova joqtlu. Fil-kuntest tar-reat taht il-hdax-il kap ta' l-att ta' akkuza, dan huwa legalment korrett.

Dwar id-disa' kap, l-ewwel Qorti qalet biss li r-reat f'dan il-kap, cioe` li l-appellant kien spara arma tan-nar f'post abitat, kien gie ammess. F'dan ukoll din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli.

Dwar l-akkuzi ta' natura fiskali, l-ewwel Qorti qalet li dawn jiddependu minn dak li jirrizulta dwar l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju ghax jekk jirrizulta li l-armi kienu ta' l-appellant, allura mbaghad il-prova li thallas dazju, VAT, ecc. trid issir mill-appellant. Imqieghed b'dan il-mod, din id-direttiva ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma setghet bl-ebda mod tinfluwenza l-verdett dwar l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju.

Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa michud.

Aggravju iehor jirrigwarda l-akkuza ta' arrest illegali (l-ghaxar kap) fejn isostni li ghalkemm huwa minnu li, meta l-appellant waqaf faccata tal-*Splash and Fun*, u M'Angelo Fenech nizel mill-karrozza u mar lejh, l-appellant ipponta arma lejn M'Angelo Fenech u ma halliehx ikompli javvanza, dan ma kienx jammonta ghad-delitt ta' arrest illegali.

Din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatt li M'Angelo Fenech gie mizmum milli jkompli javvanza, imqar jekk momentanjament, ifisser illi huwa ma kienx liberu jmur fejn huwa xtaq. L-argument ta' l-appellant li dan ghamlu biex ma jhallix lil Fenech jattakkah huwa wiehed fieragh. B'hekk anke dan l-aggravju huwa infondat.

L-appellant ghandu aggravju iehor dwar il-hames u s-sitt kapi ta' l-att ta' akkuza. Jghid li ma saritx il-prova ta' meta giet importata l-arma u ghalhekk ma hemmx il-prova li kellha tithallas il-VAT jew is-SISA u ghalhekk ma setghetx tinstab htija taht dawn il-kapi.
Dwar dan l-aggravju jidher li l-appellant ghandu ragun ghar-raguni li din il-Qorti mhijiex soddisfatta mill-provi rizultanti li l-ligijiet rispettivi kienu *in vigore* meta saret l-importazzjoni ta' l-armi u munizzjon in kwistjoni. Biss biss dwar is-*sub-machinegun* jirrizulta li din kienet fost numru kbir ta' oggetti li nsterqu mill-Qorti fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Settembru 1993. Il-ligi dwar il-VAT, li ghaliha jirreferi specifikatament il-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza, giet introdotta permezz ta' l-Att XII ta' l-1994. Il-ligi dwar it-taxxa tad-dwana u tas-sisa, li ghaliha jirreferi specifikatament is-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza, giet introdotta permezz ta' l-Att XII ta' l-1997. Konsegwentement dan l-aggravju qieghed jigi milqugh.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jirritjeni li hija eccessiva. Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun

hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt inghatat[2].

M'hemm l-ebda dubju li l-pieni imposti fuq l-appellant huma fil-parametri stabbiliti mil-ligi. Kwantu ghat-tmien kap imbaghad, cioe` ir-reat ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, certament il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-verdett kien l-inqas possibbli registrabbli. Pero`, in vista tal-fatt li din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju dwar il-hames u s-sitt kapi, dan ser jigi rifless fil-komputazzjoni tal-piena. Inoltre, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) u, sa fejn applikabbli l-artikolu 17(h), sejra tinfliggi piena wahda komplessiva dwar ir-reati kollha li taghhom l-appellant qieghed jigi dikjarat hati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk <u>tirrevokaha</u> in kwantu sabitu hati tal-hames u tas-sitt kapi ta' l-att ta' l-akkuza u minflok tiddikjarah mhux hati ta' l-akkuzi hemm dedotti u tilliberah minnhom, <u>tirrevokaha</u> wkoll in kwantu kkundannatu ghal xahrejn prigunerija dwar it-tielet, ir-raba' u d-disa' kapi ta' l-att ta' akkuza, in kwantu kkundannatu xahar prigunerija dwar il-hames, is-sitt u s-seba' kapi ta' l-att ta' akkuza u ghall-hlas ta' multa ta' Lm432.77 fuq is-sitt kap u multa ta' Lm468 fuq il-hames kap, in kwantu kkundannatu ghal seba' snin prigunerija dwar it-tmien kap ta' l-att ta' akkuza, u in kwantu kkundannatu tliet xhur prigunerija dwar l-ghaxar u l-hdax-il kapi ta' l-att ta' akkuza minn liema perijodi ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u minflok <u>tikkundannah</u> ghal prigunerija ghal perijodu komplessiv ta' seba' snin u xahar, minn liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li ghamel taht arrest preventiv, u <u>tikkonfermaha</u> fil-kumplament.

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------